MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 12/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**ASTRELLA RODIANNE MICALLEF ET**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Astrella Rodianne Micallef ta' 22 sena, bint Nazzareno u Grace nee' Portelli, imwielda tal-Pieta nhar is-17 ta' Lulju, 1982, u toqghod 30, Flat 1, Triq Bajada, Zabbar, ID NRU: 425082 (M);

U Stephanie Farrugia ta' 15-il sena, bint Raymond Zahra u Dorothy Farrugia, imwielda tal-Pieta nhar it-12 ta'

Jannar, 1989, u toqghod St Joseph, Belt Valletta/30, Flat 1, Triq Bajada, Zabbar, ID NRU: 55689 (M);

Akkuzati talli fil-5 ta’ Ottubru, 2004, f’San Giljan b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda;

B’mezzi kontra il-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ohra sabiex gaghlu titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kreditu immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta’ madwar Lm110.00 ghad-dannu ta’ Loredana D’Arrigo u tal-Bank of Valletta u dan bi ksur tal-Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirksotanzi, bi hsara ta’ Loredana D’Arrigo u tal-Bank of Valletta, ghamlu qliegh b’serq, u dan bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, iffalsifikaw f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi meta sabu cashlink card li Loredana D’Arrigo tilfet, m’gharrfux b’dan fi zmien tlett ijiem lill-Pulizjija u dan bi ksur tal-Artikolu 340( c ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati t-tnejn irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi dedotti, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom anki wara li l-Qorti tathom zmien skond il-Ligi biex jikkonsidraw din l-istqarrija.

Rat li l-imputati kienu wkoll hallsu lill-bank dawk il-flus mertu ta' dawn il-proceduri.

Rat il-fedina penali tal-imputati.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet lid-difiza u l-prosekuzzjoni jaqblu fuq piena gusta, *in vista* tal-eta' tenera tal-imputati u ta' konsiderazzjonijiet ohra.

Rat l-Artikoli 308, 309, 183, 184, u 340, u l-Artikolu 21, ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputati Astrella Rodianne Micallef u Stephanie Farrugia hatja, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------